

# Il-Kappella tal-Madonna tal-Pilar fil-Belt Valletta

Kitba ta' Roderick Busuttil
(www.kappellimaltin.com)

Waħda mill-isbaħ kappelli li nsibu fil-Belt Valletta, u li ħallewlna l-Kavallieri, hija dik iddedikata lill-Madonna ta' Pilar li hemm fin-naħa t'isfel ta' Triq il-Punent qrib il-Berġa t'Aragona.

## Oriġini

Din il-knisja nbniet fl-1670 biex tkun il-knisja tal-Kavallieri Aragoniżi u nbniet biswit il-berġa tagħhom. Milli jidher, dak iż-żmien, il-Kavallieri Aragoniżi ma tantx kienu f'pożizzjoni finanzjarja tajba għax din il-knisja ttellgħet bil-ġenorożità tal-Baliju ta' Caspe', Fra Felix Inniquez de Ayerbe. Meta miet fl-1691, fl-eta ta' 70 sena, dan indifen f'din l-istess knisja, quddiem l-artal. Fl-1708 neputih żejjen il-qabar tiegħu b'lapida tal-irħam. Għal erbatax-il sena, hu kien amministratur tal-Auberge d'Aragon u devot kbir tal-Madonna taħt dan it-titlu.



Dettall tal-puttini

Dan it-titlu tal-Madonna ġie minn leġġenda li tgħid li l-appostlu Ġakbu kien imġiegħel mill-Madonna biex imur Spanja fil-belt ta' Cesarea Augusta, li aktar tard inbidlet għal Saragozza, biex hemm jipprietka l-fidi Nisranija. Meta kien hemm, il-Madonna dehret merfugħa minn qtajja' ta' anġli waqt li oħrajn kienu qed iġorru xbieha tagħha fuq kolonna bajda, bl-Ispanjol *'Pilar'*. Fil-post tad-dehra inbena santwarju. Il-Kavallieri Spanjoli tal-lingwa ta' Aragona daħħlu din id-devozzjoni f'pajjiżna wkoll.



Dettall mill-knisja

## Il-Knisja tal-lum

Il-kappella li nbniet fl-1670 sofriet ħsarat kbar, speċjalment fil-koppla, fit-terremot li laqat lil dawn il-gżejjer f'Jannar tal-1693 u għalhekk, fl-1718, il-lingwa ta' Aragona qabbdet lill-perit Taljan Romano Carapecchia biex jerġa' jibni l-knisja mill-ġdid. Għalkemm ristrett mis-sit

li kien dejjaq u mhux fond ħafna, hu rnexxielu jagħtina knisja mill-isbaħ bi pjanta oriġinali u b'ħafna dekorazzjonijiet ta' skultura barokka, b'ħafna induratura, fejn jispikkaw ħafna l-figuri tal-anġli. Fil-fatt, fil-kappella hemm skolpiti madwar 70 anġlu.

Carapecchia kien imħarreġ fil-magħrufa Accademia di San Luca tal-Belt Eterna. Hu rnexxielu jdaħħal il-Barokk Ruman fil-Belt Kapitali tagħna, fejn insibu li l-pjanti tal-knejjes ta' San Ġakbu, Santa Katerina ta' Lixandra u Santa Barbara fi Triq ir-Repubblika, Santa Katerina tal-Italja u l-Vitorja ħdejn Kastilja, kienu mħazza minnu.


Il-faċċata tal-knisja

## Il-Faċċata

Il-faċċata tal-kappella hi ta' stil Barokk mill-isbaħ u hi mibnija fuq żewġ sulari. Il-bieb prinċipali hu mdawwar b'żewġ kolonni ta' stil kompost. Fil-ġenb insibu żewġ niċeċ vojta flimkien ma' pilastri doppji ta' stil kompost. L-istess arkittetura nsibuha fin-naħa ta' fuq, fejn insibu wkoll żewġ niċeċ oħra vojta flimkien ma' pilastri doppji, imma fin-nofs insibu tieqa kbira minflok bieb. Fuq nett hemm pediment trijangulari li fuqu hemm is-salib bi tmien ponot tal-Ordni. Il-kappella għandha wkoll koppla.

## Il-kappella minn ġewwa

Jekk l-arkitettura tal-kappella minn barra hi sabiħa, minn ġewwa mhi xejn inqas. Il-kappella għandha nava kwadra fid-dħul, b'saqaf troll bit-twieqi fil-ġenb. Il-kappella għandha forma ottagonali bil-koppla għolja fuqha. Minn ġewwa hemm tiżjin permezz ta' skultura mill-isbaħ fuq iż-żewġt iġnieb tagħha. Imma forsi l-aktar parti li tisraq l-għajn u tisboq kollox hi l-artal maġġur u l-prospettiva tiegħu. Fuq kull ġenb tal-artal maġġur naraw bażi li terfa' żewġ kolonni ta' stil kompost li fin-naħa t'isfel għandhom skolpiti gruppi ta' anġli u bejniethom statwi ta' San Ġwann il-Battista u San Ġakbu. Il-parti ta' fuq il-kolonni hi mimlija skultura u fil-parti tan-nofs hemm żewġ anġli jżommu gwarniċa ovali bi kwadru tal-Missier Etern. Fuq dan naraw l-arzella tal-apside mimlija kerubini u skultura floreali, li hu ndurat bid-deheb. Apparti l-artal maġġur bil-kwadu titulari tal-Madonna, fil-kappella nsibu żewġ artali oħra ddedikati lill-Qalb ta' Ġesuùu lil San Ġużepp.

## Oġġetti tal-Arti

F'din il-knisja, barra l-iskultura nsibu ħafna xogħol t'artisti Maltin. Il-kwadru titulari sar minn Stefano Erardi, u juri l-Madonna qed tidher lil San Ġakbu. Fuqu hemm kwadru ovali tal-Missier Etern. Fis-saqaf troll tal-kor, Gian Nikola Buhagiar pitter l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Din kienet donazzjoni tal-Gran Mastru Ramon Perellos Roccaful u fit-truf tagħha


Pittura tas-saqaf

tidher l-arma tiegħu. Fin-nava hemm erba' kwadri kbar li juru t-Twelid tal-Madonna, iż-żwieġ tagħha, it-Tħabbira tal-Anġlu u l-Viżitazzjoni lil Santa Elizabetta.

Fuq il-gallarija tal-orgni hemm affesk li juri l-Gran Mastru Perellos qed jilqa' lill-Baliju ta' Majorka, Fra Raimondo de Soler, li wkoll kien benefattur tal-knisja, u tal-flotta tal-Ordni. Taħt il-gallarija hemm żewġ kwadri oħra. Dawn huma ritratti tal-Gran Mastru Perellos u l-Baliju Inniquez. Kwadri oħra f'din il-kappella juru lil San Filippu Neri, u l-ieħor huwa ta' San Alwiġi Gonzaga. Dawn kienu tħallsu minn wieħed mir-retturi li serva f'din il-kappella, il-Kanonku Aloisio Farrugia, li nsibu ritratt tiegħu fis-sagristija.



Dettall mill-ħajt tal-knisja

L-artali tal-ġnub, li saru fil-bidu tas-seklu għoxrin huma ddedikati lill-Qalb ta' Ġesù u lil San Ġużepp. Fl-1866, f'din il-knisja twaqqaf istitut għat-tagħlim tad-duttrina tal-bniet u l-pittur Taljan Domenico Bruschi pitter kwadru li juri l-Madonna bil-Bambin flimkien ma' żewġt itfal.

F'niċċa naraw statwa zgħira tal-Madonna fuq kolonna tal-irħam, li tirrappreżenta d-dedika ta' din il-kappella. Jingħad li din il-kolonna hi tal-istess daqs bhal dik li San Ġakbu kien ra fuqha lill-Madonna. Il-balavostri tal-irħam li jifirdu l-kor mill-kumplament tal-knisja ukoll huma sbieħ.

Fl-aħħar snin tas-seklu li għadda sar ħafna xogħol ta' restawr f'din il-kappella, u bih, hi ħadet lura s-sbuħija kollha tagħha. Għal ħafna snin, din il-kappella ntuzat għat-tagħlim tad-duttrina nisranija. Il-kappella taqa taħt ir-responsabbiltà ta' Heritage Malta.

Għal iktar informazzjoni fuq kappelli madwar Malta u Għawdex, żur is-sit www.kappellimaltin.com, fejn fih, wieħed jista' jsib ħafna informazzjoni fuq kappelli li jinsabu madwarna.

Ħajr lil Anthony M. Brincat u Vincent Zammit


**Friendly Shop**

For fresh greengrocery and other groceries

St Paul Street, San Ġwann

*Discount Store*

**FREE DELIVERY**

Res: 21382043

Mob: 99895148